MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 685/1992/1

**Direttur Generali (Dwana) gia` Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Andrew Ellul Sullivan maghruf ukoll bhala Andrew E. Sullivan u bhala Andrew Sullivan**
**U**
**Joseph Ellul Sullivan maghruf ukoll bhala John E. Sullivan, it-tnejn personalment kif ukoll fil-kwalita` taghhom ta' diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Tessons Limited"**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-18 ta' Mejju, 1992, li permezz taghha l-Kontrollur fuq indikat espona sintetikament is-segwenti:

1. Illi fl-1990 u 1991 ghadd ta' prodotti destinati lis-socjeta` konvenuta fuq indikata gew importati illegalment f'Malta stante li ma thallsux dazju fuqhom taht l-Att hemm indikat;

2. Illi l-imsemmija mportazzjoni saret b'qerq u bis-sahha ta' uzu ta' timbri foloz mill-konvenuti fuq id-dokumenti relattivi tad-Dwana li kienu jaghtu l-impressjoni lill-ufficcjali tad-Dwana li kienu jirrilaxxaw l-oggetti mportati li d-dazju u l-imposta relattiva kienu thallsu, meta fil-fatt ma kinux;

3. Illi biex jinvestiga dan l-agir doluz l-attur inkorra spejjez ingenti;

4. Illi ghall-imsemmi qerq u dannu fuq riferit, huma responsabbli kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll il-konvenuti diretturi taghha fuq riferiti personalment;

5. Illi l-valur ta' dazju u imposta dovut fuq l-oggetti mportati jammonta ghal erba' mija u tnejn u tletin elf, erba' mija u hamsa u sittin Lira Maltin, u ghoxrin centezmu, (LM432,465.20);

6. Illi meta l-konvenuti gew interpellati jhallsu l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti dawn kollha cahdu t-talbiet indirizzati fil-konfront taghhom;

7. Illi konsegwentement il-Kontrollur attur odjern aderixxa din il-qorti biex hemm il-konvenuti jghidu ghaliex din m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li huma jew min minnhom hu responsabbli individwalment u *in solidum* bejniethom ghall-hlas lill-attur ta' l-ammont ta' dazju u ta' imposta lilu dovuti fuq il-prodotti *de quo* u ghall-ispejjez li hu kien gie indott jinkorri fl-investigazzjoni ta' l-agir doluz fuq indikat sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici u bhala

danni kkagunati lill-attur in konsegwenza ta’ l-agir doluz taghhom, jew min minnhom;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in konsegwenza ta’ l-agir doluz tal-konvenuti jew min minnhom fl-ammont fuq gia` ndikat, oltre l-ammont sborzat mill-attur sas-data tal-prezentata in dizamina;

iii. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata skont id-dikjarazzjoni dwar ir-responsabbilita` ghad-danni;

iv. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti kif indikat fl-istess citazzjoni promotrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Joseph Ellul Sullivan maghruf ukoll bhala Joseph E. Sullivan personalment datata t-12 ta’ Gunju, 1992, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m’ghandux x’jaqsam mal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni promotrici;

2. Illi hu ma kien hati ta’ l-ebda qerq jew agir doluz ghad-dannu tal-attur;

3. Illi d-domandi attrici qed jigu respinti bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Andrew Ellul Sullivan u ta’ Joseph Ellul Sullivan kif indikati fl-okkju tac-citazzjoni promotrici fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Tessons Limited datata t-12 ta’ Gunju, 1992, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-kawzali dedotta kontra l-eccipjenti nomine hi insostenibbli stante li s-socjeta` ma setghetx tkun responsabbli t’eghmil doluz jew qarrieqi;

2. Illi wkoll il-kawzali attrici m'ghandhomx rabta guridika mat-talbiet attrici u b'hekk l-eccipjenti nomine ma jistghux ikunu tenuti responsabbli kif allegat mill-attur;

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` fuq indikata bl-ebda mod m'hi responsabbli ghal qerq, frodi u/jew attivita` illegali;

4. Illi ghalhekk, id-domandi attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex infondati fil-fatt u fil-ligi, bhal ma huma l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet kollha tal-attur;

Rat finalment in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Andrew Ellul Sullivan personalment kif indikat fl-istess okkju tal-procedura in dizamina datata wkoll it-12 ta' Gunju, 1992, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi dak pretiz mill-attur fil-procedura in dizamina hu nfondat fil-fatt u fil-ligi;

2. Illi l-eccipjenti m'ghandu xejn x'jaqsam mal-allegazzjonijiet indikati fic-citazzjoni in dizamina;

3. Illi hu bl-ebda mod ma kien hati ta' xi qerq jew agir doluz ghad-dannu tal-attur;

4. Illi d-domandi attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 t'Ottubru, 1992, li permezz tieghu innominat perit legali hemm indikat biex jisma' l-provi tal-partijiet u jzomm access, (ara fol 62 u 63);

Rat ukoll il-verbal datat is-26 ta' Jannar, 1999, li permezz tieghu jidher indikat perit legali differenti, minghajr pero` ma jirrizulta li dak precedenti kien regolarment sostitwit skont il-ligi, (ara fol 532);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-attur datat l-24 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu iddikjarat li m’ghandhiex aktar provi xi tressaq, (ara fol 852);

Rat ir-rikors tal-konvenut Andrew Ellul Sullivan datat is-26 t’April, 2010, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi fil-mori tal-procedura odjerna jirrizulta li l-proceduri kriminali mehudin fil-konfront tal-konvenuti proprio gew definittivament konkluzi bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata l-20 ta’ Marzu, 2003, (ara wkoll fol 566 *et sequitur*);

2. Illi fl-istess sentenza l-imsemmija konvenuti, (fost ohrajn), gew ikkundannati wkoll ihallsu komplessivament multa ta’ miljun, tnax il-elf, mitejn u sebgha u erbghin Lira Maltin u ghaxar centezmi, (LM1,012,247.10);

3. Illi terz mill-ammont tal-multa ndikata fil-paragrafu precedenti kienet hemm dikjarata li hu dejn civili, (ara fol 628), u hi ammontanti ghal tlett mija, sebgha u tletin elf, erba’ mija u hmistax –il Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM337,415.70);

4. Illi konsegwentement dan jaghti lok ghall-eccezzjoni ulterjuri tar-*res judicata* u ghalhekk m’hemmx lok li jitkomplew dawn il-proceduri;

5. Illi in vista tal-premess il-konvenut fuq riferit talab li jkun awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri biex jeccepixxi l-izvilupp registrat fil-paragrafu precedenti;

Rat ir-risposta tal-attur datata l-11 t’Ottubru, 2010, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

1. Illi kien qed jopponi ghat-talba tal-konvenut *de quo*;

2. Illi dan allegat mill-imsemmi konvenut ma kienx korrett;

3. Illi f'kaz li f'sentenza kriminali jigi deciz li parti minn multa kriminali hemm inflitta tkun ezegwibbli bhala dejn civili mhux sinonimu ghall-fatt li allura tintilef l-azzjoni civili naxxenti mill-istess fatt;

4. Illi l-azzjoni kriminali u civili huma separati u distinti minn xulxin;

5. Illi l-procedura statutorjament stabbilita biex jingabru l-multi hekk gudizzjarjament imposti ma jbiddilx il-fatt li d-decizjoni nvoluta hi esklussivament ta' natura kriminali;

6. Illi *di piu`*, l-procedura odjerna hi ntavolata wkoll kontra l-konvenut involut fil-kwalita` tieghu ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Tessons Limited, u ghalhekk ukoll, it-talba tieghu in dizamina hi nfondata;

7. Illi l-elementi li jikkostitwixxu r-*res judicata* senjatament:

i. L-istess oggett, ("*eadem res*");

ii. L-istess partijiet, ("*eadem personae*");

iii. L-istess meritu, ("*eadem causa petendi*");

Ma jissussistux;

Rat rikors ulterjuri, din id-darba tal-konvenuti kollha, datat it-12 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu l-istess konvenuti *proprio et nomine*, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, fejn issa talbu jkunu awtorizzati jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri biex jecepixxu l-"*indebiti solutio*" u l-arrikkiment indebitu, (ara fol 873);

Rat ir-risposta tal-attur datata s-26 t'Awwissu, 2011, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, u wara li rribadixxa l-iskorrettezza tal-atturi fir-rigward, sostna li tali talba takkozza mal-ligi procedurali u timmerita li tigi respinta;

Rat id-digriet ta' din il-qorti datat il-5 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu fuq talba appozita, awtorizzat li t-trattazzjoni finali tal-kawza ssir kemm b'mod skritt kif ukoll oralment fid-dati hemm stabbiliti, (ara fol 879);

Ezaminat ix-xhieda kollha u d-dokumenti kopjuzi pprezentati in atti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata s-17 t'Awwissu, 2012, (ara fol 885 );

Tissottolinea li l-konvenuti ghazlu li ma jissottomettu l-ebda nota fir-rigward;

Rat il-verbal datat is-17 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-attur ghazlet li tistrieh fuq in-nota ta' sottomissjonijiet precedentement minnha pprezentata;

Tissottolinea facilment li ghalkemm kien gie nominat perit legali, li *probabbilment* kien ukoll sostitwit, (ara fol 62, 63 u 532), jirrizulta pero` li l-ebda relazzjoni peritali ma tirrizulta li giet prezentata in atti;

Ikkunsidrat:

Illi b'vergonia kbira tirrileva li din hi procedura li in *prim'istanza* qed tiehu komplessivament wiehed u ghoxrin (21) sena biex tigi b'xi mod rizolta;

Illi dan hu dewmien ezagerat u ghandu jsir dak kollu possibbli biex ma jergax jirrepeti ruhu;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament tirrileva li r-rikors fuq gia` riferit rigwardanti t-talbiet tal-konvenuti biex ikunu awtorizzati jintavolaw l-eccezzjonijiet ulterjuri hemm rilevat ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi din il-qorti hi tal-fehma li dawn gew intavolati semplicement biex il-procedura tkompli titwal inutilment;

2. Illi pero`, peress li jirrizulta li la l-qorti ma ddecidiet xejn fir-rigward u lanqas l-istess konvenuti ma mexxewhom ‘il quddiem, jidher li tilfu l-interess fihom;

3. Illi ghalhekk qed tqis li l-istess rikorsi ddekadew u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fil-perjodu bejn l-1990 u 1991 is-socjeta` Tessons Limited kienet timporta illegalment diversi prodotti f’Malta, u dan, billi ma thallas la d-dazju u lanqas l-imposta dovuti fuq l-istess;

2. Illi dan kien isir b‘qerq billi l-konvenuti proprio fuq indikati kienu juzaw timbri foloz li bihom kienu jittimbraw id-dokumenti tad-Dwana relattivi;

3. Illi bl-uzu ta’ dawn it-timbri foloz kienu ghalhekk jaghtu l-impressjoni lill-ufficcjali tad-Dwana responsabbli minn zmien ghal zmien ghar-rilaxx t’oggetti importati, li d-dazju u l-imposta relattivi kienu thallsu meta fil-fatt, ma jkunx hekk;

4. Illi l-valur komplessiv ta’ dazju u imposta hekk rizultanti mhux imhallas mill-konvenuti *proprio et*

*nomine* jammonta ghal miljun, mija u sitta u disghin elf, hames mija u hamsin Ewro u disghin centezmu, (€1,196,550.90), (ara fol 9);

5. Illi dan jirrizulta assodat, anke a bazi tal-procedura kriminali definittivament konkluza bis-sentenza tal-qorti tal-Appelli Kriminali tal-20 ta’ Marzu, 2003, (ara fol 566 *et sequitur*);

6. Illi l-affidavitijiet kopjuzi tal-ufficcjali tad-Dwana pprezentati in atti, wkoll jaffermaw is-suespost;

Ikkunsdirat:

Illi rigwardanti l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti *proprio et nomine* rigwardanti n-nuqqas ta’ ness logiku bejn il-kawzali attrici u t-talbiet sussegwenti tieghu jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi kif ben issollevat l-abbli rapprezentant legali tal-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet minnha ntavolata meta rriferiet ghal **Moore noe vs Falzon** et datata **15 ta’ Dicembru, 1995, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili**, f’dan ir-rigward partikolari il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari li bih ghandha tigi redotta citazzjoni;

2. Illi f’dan ir-rigward hu sufficjenti li dak miktub mill-attur ikun jinftiehem;

3. Illi kull m’hu rikjest *ai termini* tal-artikolu 156 tal-Kap 12 hu li l-oggett u r-raguni tat-talba jkunu mfissra b’mod car u sewwa, (ara **Bonnici vs Zammit noe tal-20 ta’ Jannar, 1986**);

4. Illi t-tifsira tas-suespost pero` m’ghandhiex tittiehed li kwalunkwe nuqqas f’dan ir-rigward hu ekwiparat ma’ ksur tal-imsemmi artikolu ndikat fil-paragrafu precedenti;

5. Illi hi l-fehma ta’ din il-qorti kif preseduta li minn ezami akkurat tac-citazzjoni promotrici ma jirrizultax li hemm l-estremi rikjesti mill-ligi f’dan ir-rigward u in

effetti, l-istess att promotur hu car bizzejjed kemm biex il-konvenuti *proprio et nomine* jkun jafu x'qed jigi imputat, allegat u mistenni minnhom, u biex il-procedura tigi deciza skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni rigwardanti r-responsabbilita` tas-socjeta` Tessons Limited fir-rigward tal-vertenza in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi kif ritenut fil-kawza **Ventura noe vs Vassallo et noe**, datata s-**27 ta' Gunju, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili** osservat li:

"L-argument hu ben traccjat fis-sentenza citata fl-ismijiet Victor Galea vs Marin J. Hili nomine, Prim'Awla, Qorti Civili, tal-1 t'Ottubru, 1996";

2. Illi fil-kawza kkwotata fil-paragrafu precedenti gie ritenut li l-kelma **persuna** fl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap 249, segwiet l-insenjamenti dottrinali moderni u ezaminat il-kuncett tar-responsabbilita` fuq zewg livelli – dak tad-diretturi personalment u dak tad-diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` minnhom gestita;

3. Illi l-istess decizjoni insenjat li fil-kaz tad-danni *ex quasi delictu* li jitnisslu minn negligenza, traskuragni jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti inerenti ma' l-operazzjoni kummercjali mmexxija mill-kumpanija nvoluta, hi dik l-istess socjeta` kummercjali li ghandha twiegeb fir-rigward;

4. Illi ghad-delitti u kwazi delitti hi biss il-persuna fizika li taghmilhom li ghandha tirrispondi ghalihom;

5. Illi din il-qorti kif preseduta ghalhekk taghmel taghha dak ritenut fl-istess decizjoni fuq riferita:

"Din il-Qorti tinklina versu l-ahhar taghlim u gwida gurisprudenzjali fuq is-suggett u taghraf fiha precizazzjoni guridika aktar korretta fondata fuq koncetti dottrinali progressivi u konsiderazzjonijiet ta' dritt aktar rigwardevoli anke fis-sistema legali taghna u r-regoli u l-principji taghha …";

6. Illi s-suespost kien ukoll ikkonfermat mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Camilleri pro et noe**, datata s-**17 ta' Jannar, 2001**, u dan, wara li ezaminat it-tlett teoriji in materja rizultanti fir-Renju Unit flimkien mal-gurisprudenza kopjuza lokali fir-rigward;

7. Illi ghalhekk hu issa assodat fil-gurisprudenza lokali li socjeta` kummercjali tista` tinstab responsabbli ghal delitti u kwazi delitti kif fuq sintetikament espost;

Ikkunsidrat:

Illi rigward id-danni rikjamati mill-attur jista' jigi sintetikament konstatat is-segwenti:

1. Illi hu *ormai* principju abbundantement assodat li wiehed ghandu jwiegeb ghall-hsara kkagunata bi htija tieghu, (ara artikolu 1031 tal-Kap 16);

2. Illi d-*dolo* li fuqu qed jintalbu d-danni mill-attur jikkonsisti fil-falsikikazzjoni volontarja ta' timbri li bis-sahha taghhom il-konvenuti fuq riferiti dahhlu merkanzija f'Malta minghajr ma hallsu d-dazju u l-imposta dovuti, u dan ovvjament, ghad-dannu tal-erarju pubbliku, li effettivament qed jirrapprezenta lic-cittadin;

3. Illi dan jirrizulta stante li mid-dokumentazzjoni kopjuza pprezentata in atti jirrizulta abbundantement assodat li l-konvenuti uzaw timbri foloz fid-dokumenti li kienu juru lill-ufficcjali tad-dwana li kienu *prima facie* jindikaw li kienu gew effettwati l-pagamenti dovuti – meta ma kienx il-kaz, (ara fol 470 *et sequitur*);

4. Illi s-suespost hu wkoll assodat mill-affidavitijiet tal-ufficcjali tad-dwana prodotti in atti, u mis-sentenza kriminali fuq gia` riferita;

5. Illi l-ammont ta' danni reklamat mill-attur f'evazjoni ta' dazju u imposti hu dak gia` ndikat aktar qabel ta' miljun, mija u sitta u disghin elf, hames mija u hamsin Ewro u disghin centezmu, (€1,196,550.90), kif anke jirrizulta mill-prospett anness mac-citazzjoni promotrici gia` wkoll riferit, (ara fol 9);

6. Illi l-imsemmi ammont allura ma giex imhallas mill-konvenuti *proprio et nomine* kif dovut ghaliex bit-timbri foloz minnhom utilizzati ddefrawdaw l-erarju pubbliku li lilu huma dovuti l-ammonti *de quo*;

7. Illi finalment din il-qorti taqbel ukoll mad-decizjoni sottolineata mill-abbli rapprezentant legali tal-attur fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Gunju, 2002**, fejn irriteniet li:

"HIja wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzjarju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;

Ghaldaqstant, din il-qorti, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti *proprio et nomine* fuq riferiti, takkolji t-talbiet tal-attur u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenuti *proprio et nomine* fuq indikati huma responsabbli *in solidum* ghall-hlas lill-attur fuq indikat ta' l-ammont ta' dazju u ta' imposta lilu dovuti fuq il-prodotti *de quo* u ghall-ispejjez li hu kien gie indott jinkorri fl-investigazzjoni ta' l-agir doluz fuq indikat sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici u bhal

danni kagunati lill-attur bhala danni kagunati lill-attur in konsegwenza ta' l-agir doluz riskontrat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in konsegwenza ta' l-agir doluz tal-konvenuti *proprio et nomine* fl-ammont ta' miljun, mija u sitta u disghin elf, hames mija u hamsin Ewro u disghin centezmu, (€1,196,550.90);

3. Tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* biex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata u ndikata fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Mejju, 1992, kontra l-konvenuti *proprio et nomine* sad-data tal-effettiv pagament.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------